MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
ANTHONY ELLUL**

Seduta tas-7 ta' Ottubru, 2003

Talba Numru. 1237/2003

Charles Sammut ezercenti l-kummerc that l-isem ta' Procomp Computers

Vs

John Christopher Martin u Mary Grace Martin

Seduta tas-7 ta' Ottubru, 2003.

It-Tribunal,

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur talab il-hlas tas-somma ta' erba' mija u disa' u disghajn lira Maltija (Lm499), ammont dovut skond skrittura datata l-1 ta' April 2002.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuti gew notifikati bl-avviz tat-talba huma ma kkontestawx il-kawza fiz-zmien preskritt mil-ligi u lanqas ma deheru ghas-seduti.

Semgha lill-avukat Dr. Kris Borg jixhed.

Ra d-dokumenti.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-attur tirrizulta sodisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13(b) tal-Att V tal-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuti ihallsu s-somma ta' erba' mija u disa' u disghajn lira Maltija (Lm499), bl-imghax kummercjali skond il-ligi.

L-ispejjez huma ghak-karigu tas-socjeta konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------